



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6593/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0073(NLE)

COEST 100
WTO 38

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 103 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 103 final.

Mehmuż: COM(2022) 103 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.3.2022
COM(2022) 103 final

2022/0073 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia għall-2021-2027.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni, li jippromwovi l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika. Il-Ftehim jistabbilixxi wkoll żona ta' kummerċ ħieles approfondita u komprensiva (“DCFTA”). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.

2.2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ġie stabbilit bl-Artikolu 404 tal-Ftehim. Huwa jagħmel superviżjoni u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u perġodikament janalizza l-funzjonament ta' dan il-Ftehim fid-dawl tal-oġġettivi tiegħu. Huwa jikkonsisti minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, u minn membri tal-gvern tal-Georgia, min-naħa l-oħra.

2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 406(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet, sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jadotta rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia għall-2021-2027 (“l-att previst”).

L-att previst għandu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim billi jistabbilixxi prijoritajiet konġunti mill-2021 sal-2027.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-UE u l-Georgia qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jistabbilixxu l-prijoritajiet mill-2021 sal-2027 biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tal-2021-2027 tkopri:

- id-djalogu politiku;
- il-politika barranija u ta' sigurtà;
- il-kooperazzjoni dwar il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ; kif ukoll

- il-kooperazzjoni f'bosta setturi oħra koperti mill-Ftehim, bħall-enerġija, is-saħħa pubblika, it-trasport, l-ambjent, it-tibdil fil-klima u s-sajd u l-affarijiet marittimi.

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tirrifletti l-oġġettivi¹ tal-politika tas-Sħubija tal-Lvant u tqis il-prijoritajiet tal-Kummissjoni, bħat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali. Hija tqis ukoll l-aħħar żviluppi ta' politika, inkluż dwar l-effiċjenza enerġetika u l-iżviluppi rinnovabbli, il-protezzjoni ambjentali u l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tindirizza wkoll l-isfidi l-ġodda ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li tfittex li taħdem b'mod konġunt fuq ir-reżiljenza tas-saħħa u l-irkupru soċjo-ekonomiku. Huma wkoll ta' importanza partikolari l-prijoritajiet marbutin mar-riformi tant meħtieġa fil-Georgia, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, tar-riformi tal-ġustizzja u tal-konsolidazzjoni tad-demokrazija.

Jenħtieġ li l-Unjoni tistabbilixxi l-pożizzjoni tagħha dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni biex tiffaċilita l-implementazzjoni sħiħa tal-Ftehim u tiggwida l-kooperazzjoni bilaterali.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li l-Kunsill jadotta deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”².

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa korp stabbilit bi ftehim, speċifikament il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

L-att li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni huwa mitlub li jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst għandu effetti legali minħabba li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia għall-2021-2027 se tkun il-bażi għall-ipprogrammar skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali.

L-att previst ma jissupplimentax jew jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

¹ Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar “Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant wara l-2020 — it-Tisħiħ tar-Reżiljenza - is-Sħubija tal-Lvant li tagħti riżultati għal kulħadd”, id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal li jakkumpanja, u s-summit tas-Sħubija tal-Lvant - id-dikjarazzjoni konġunta.

² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti jkun jesiġi.

Fir-rigward ta' att previst li jkollu għadd ta' għanijiet f'daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b'mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-għanijiet u tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia. Il-miżuri li l-adozzjoni tagħhom hija prevista jikkonċernaw, b'mod ġenerali, l-oqsma kollha koperti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u għandhom l-għan li jimplimentaw u japprofondixxu aktar l-assoċjazzjoni bejn il-Partijiet. Minn dan isegwi li l-qasam li taqa' taħtu d-deċiżjoni għandu jiġi ddeterminat fid-dawl tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-intier tiegħu.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 217 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 217 TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jissostittwixxi r-Rakkomandazzjoni Nru 1/2017 tal-20 ta' Novembru 2017, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia min-naħa l-oħra, dwar l-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 fil-kuntest tal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014³ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 406(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jadotta r-rakkomandazzjonijiet biex jinkisbu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta r-rakkomandazzjoni dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia għall-2021-2027 permezz ta' proċedura bil-miktub.

Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, peress li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia għall-2021-2027 se tkun il-bażi għall-ipprogrammar skont l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

- (4) Sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-Ftehim, il-Partijiet qablu li jistabbilixxu Aġenda ta' Assoċjazzjoni li telenka l-prijoritajiet għall-ħidma konġunta tagħhom imqassma skont is-settur li jkun.
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-adozzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia għall-2021-2027 għandha tiġi adottata mill-Kunsill,

³ *ĠUL 261, 30.8.2014, p. 4.*

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli.

Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill
Il-President*